

DEĊIŻJONI Nru 3/2022 TAL-KUNSILL TA' SĦUBIJA STABILIT MILL-FTEHIM DWAR IL-KUMMERĊ U L-KOOPERAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA, MINN NAĦA WAĦDA, U R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ, MIN-NAĦA L-OĦRA

tal-21 ta' Diċembru 2022

li tistabbilixxi lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' tribunal tal-arbitraġġ skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni [2022/2550]

IL-KUNSILL TA' SĦUBIJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾ (il-“Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni”), u b'mod partikolari l-Artikolu 752(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 752(1) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-Kunsill ta' Sħubija għandu jstabbilixxi lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri ta' tribunal tal-arbitraġġ. Il-lista għandha tkun ta' mill-anqas 15-il persuna u tkun magħmula minn tliet sublisti: (a) sublista waħda ta' individwi stabbilita fuq il-bażi ta' proposti mill-Unjoni; (b) sublista waħda ta' individwi stabbilita fuq il-bażi ta' proposti mir-Renju Unit; u (c) sublista waħda ta' individwi li ma jkunu nazzjonali tal-ebda Parti li għandhom iservu bħala president tat-tribunal tal-arbitraġġ.
- (2) Kull sublista għandha tinkludi mill-anqas ħames individwi.
- (3) Skont l-Artikolu 741 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, l-arbitri kollha għandhom ikunu persuni li ma jkunx hemm dubju dwar l-indipendenza tagħhom, li jkollhom il-kwalifiki meħtieġa għall-ħatra fl-ogħla uffiċċju għudizzjarju fil-pajjiżi rispettivi tagħhom jew li jkunu ġurikonsulti ta' kompetenza rikonoxxuta. Huma għandhom ikunu wrew għarfien espert fil-liġi u l-kummerċ internazzjonali, inkluż dwar kwistjonijiet speċifiċi koperti mit-Titoli I sa VII, il-Kapitolu 4 tat-Titolu VIII, it-Titoli minn IX sa XII tal-Intestatura Wieħed jew tal-Intestatura Sitta tat-Tieni Parti, jew fil-liġi u kwalunkwe kwistjoni oħra koperta minn dan il-Ftehim jew minn kwalunkwe ftehim supplimentari u, fil-każ ta' president, ikollhom ukoll esperjenza fi proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim.
- (4) F'konformità mal-Artikolu 752(3) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, il-lista ma għandhiex tinkludi persuni li jkunu membri, uffiċjali jew aġenti oħra tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, tal-Gvern ta' xi Stat Membru, jew tal-Gvern tar-Renju Unit.
- (5) Abbażi tal-proposti tal-Unjoni u tar-Renju Unit, huwa xieraq li l-Kunsill ta' Sħubija jaqbel dwar iż-żewġ sublisti ta' sitt persuni għall-pożizzjoni ta' membri tat-tribunal tal-arbitraġġ, u dwar is-sublista ta' tmien persuni għall-pożizzjoni ta' president tat-tribunal tal-arbitraġġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri skont il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, hija stabbilita fl-Anness.

⁽¹⁾ ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell u f'Londra, il-21 ta' Diċembru 2022.

Għall-Kunsill tas-Sħubija

Il-Kopresidenti

Maroš ŠEFČOVIČ

James CLEVERLY

ANNEX

- (a) sublista ta' individwi stabbilita fuq il-bażi ta' proposti mill-Unjoni:
- Laurence BOISSON DE CHAZOURNES
 - Irina BUGA
 - Hélène RUIZ FABRI
 - Michael HAHN
 - Crenguta LEAUA
 - Peter Leo Henri VAN DEN BOSSCHE
- (b) sublista ta' individwi stabbilita fuq il-bażi ta' proposti mir-Renju Unit:
- Lorand Alexander BARTELS
 - Lawrence COLLINS
 - Jean E. KALICKI
 - Surya P. SUBEDI
 - David UNTERHALTER
 - Janet M. WHITTAKER
- (c) sublista ta' individwi li għandhom iservu bħala president tat-tribunal tal-arbitraġġ:
- Leora BLUMBERG
 - Thomas COTTIER
 - William J. DAVEY
 - Gavan GRIFFITH
 - Valerie HUGHES
 - Campbell MCLACHLAN
 - Penelope Jane RIDINGS
 - J. Christopher THOMAS
-